**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 4 – IT-TLIETA 1 T' OTTUBRU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa It-Tlieta 1 t' Ottubru 2019 fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Donald Cassar | Kunsillier |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJA

1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 4.2 tal-minuti preċedenti din kellha tkun Triq ir-Rixtellu.

2.2 Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Camilleri u ssekondati mill-Viċi Sindku.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza fir-rigward ta' korsijiet tal-lingwa li se jsiru lill-Kunsilliera fuq lingwi barranin biex minn irid ikun jista jibbukkja.

3.2 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera fuq l-attivita tat-team building li kienet ser issir fil-bidu t' Ottubru apposta għall Kunsilliera ġodda.

3.3 Is-Sindku ressaq korrispondenza fuq korsijiet għall dawk interessati li jkollhom kors bħala playworkers.

3.4 Is-Sindku ressaq email fur-rigward tal-applikazzjoni għall premju ħaddiem tas-sena. Huwa qal li din kienet għadha kmieni u nilħqu nitkellmuha fil-laqgħa jmiss.

3.5 Is-Sindku informa fuq inizjattiva li kienet ser issir minn naħa tal-Wasteserv li jkun hemm vann li jdur il-lokalitajiet u jiġbor skart li ma jistax jintrema fil-borża s-sewda.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq is-sitwazzjoni ta' New Street. Is-Sindku qal li wasal biex ikun implimentat it-traffic management fi Triq il-Ġdida fejn anki se tkun implimentata l-one way.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma l-bollards ta' Triq ir-Rixtellu. Is-Sindku semma li se jkun qed jara fuqhom.

4.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajn fuq it-tabella tal-ħinijiet tas-Sajf għall Iskola. Is-Segretarju qal li huwa kien se jkellem lis-Surmast biex ikollu l-ħinijiet bil-miktub.

4.4 Il-Kunsillier Cassar qal li mhux sewwa li l-korrispondenza li qed tintbagħat lill-Kunsill qed tkun bl-ingliż. Is-Sindku qabel li din għandha tkun bil-Malta. Huwa qal lis-Segretarju li għandha tintbagħat email lil AKL biex il-korrispondenza tkun bil-Malti.

4.5 Is-Segretarju qara email li kienet tirrigwarda fuq is-social well being bħala konferenza.

4.6 Il-Kunsillier Aquilina qal li kien hemm ilmenti fejn l-X1 ma kinitx qed tieqaf fejn hemm l-Airport l-Antik. Il-Kunsillier Camilleri semma li hawn kien qed isir xogħol temporanju fit-Triq u kien ser issir stage temporanju sakemm isir ix-xogħol.

4.7 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm bżonn issir xi ħaġa fi Triq Ġużeppi Ellul k/m Triq Ġorġ Zahra għall mod kif kien il-parkeġġ u t-traffic management.

4.8 Il-Kunsillier Camilleri semma li għall dakinhar tal-Car show irridu nagħmlu avviż mal-Kappillan u anki ninfurmaw li se jinġabru l-fondi b' risq l-ALS. Huwa qal ukoll li rridu nagħmlu posters li jitwaħħlu fil-Każini wkoll.

4.9 Il-Kunsillier Caruana semma li dakinhar ġejja xarabank oranġjo u se jkun hemm persuna li qed tiffinanzja x-xorb.

4.10 Is-sindku semma li dakinhar it-tberik tal-animali jista jsir wara l-Quddiesa tat-8.30.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-OFFERTA GĦAT-TENDER TAL-LATRINA, TRIQ DUN PAWL

5.1 Is-Sindku semma li fuq it-tender tal-latrina kien hemm tlett offerti u waħda minhom ma kinitx tista tkun evalwata aktar peress li kien hemm dokumenti neqsin. Huwa rrakomanda biex il-Kunsill immur għall orħos offerta kif kienet skont it-tender. Il-Kunsilliera preżenti qablu fuq dan.

## 6. JUM ĦAL LUQA/GĦOTI ĠIEĦ ĦAL LUQA

6.1 Is-Sindku qal li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Luqa kien se jkun hawn Kardinal li ġej il-Ġimgħa fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant' Andrija. Huwa ippropona li Ġieħ Ħal Luqa jista jingħata dakinhar wkoll. Huwa qal li tista ssir reception dakinhar u fiha jiġu mistiedna l-Għaqdiet. Is-Sindku semma li huwa kien tkellem mal-Kappillan u kien deċiż li din l-okkażżjoni issir ġewwa Sala C tal-oratorju.

6.2 Il-Kunsillier Caruana semma li għall din l-okkażżjoni l-Kardinal għandu jingħata xi ħaġa relatata ma Ħal Luqa.

## 7. XOGĦOLIJIET

7.1 Is-Sindku semma li x-xogħolijiet fi Triq il-Karmnu kienu lesti. Huwa semma wkoll li x-xogħolijiet fi Triq Wied in-Noqor, Ħal Farruġ kienu mixjin wkoll. Is-Sindku semma li huwa kien talab lill-Kunsillier Camilleri biex jaġġornah fuq is-sitwazzjoni t' hawnhekk, li dan kien qed jaħgmlu fuq bażi regolari.

7.2 Il-Kunsillier Camilleri semma li l-kuntrattur hawnhekk ma kienx qed imur. Is-Sindku qallu biex jibqa jagħmel pressjoni fuq il-każ.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti

## 9. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 1 t' Ottubru fis-6.15 pm. Kien hemm proposta l-ġurnata tat-7 ta' Novembru għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |